MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 392/1992/1

**Il-Prokuratur Legali Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited, u b'nota tal-21 ta' Lulju 1992 Rudolph Xuereb assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited**

**Vs**

**Lydia Pulis u George Pulis ghal kull interess li jista' jkollu bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1994 Dr. Raymond Pace u P.L. Lucy Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` ta' George Pulis stante li dan miet fil-mori tal-kawza; u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2000 gie sostitwit Dr. Raymond Pace u minfloku gie nominat Dr. Richard Sladden bhala kuratur deputat.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin liri Maltin tlett centezmi u zewg millezmi (Lm738.03,2) bilanc ghad-debitu fil-*loan account* ta' Lydia Pulis mal-Bank of Valletta Limited (Dok. A1 sa A6) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1991 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati ufficjalment biex ihallsu d-dejn taghhom versu l-attur *nomine* b'ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru 1991 (Dok. B) izda dawn baqghu inadempjeni;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin liri Maltin, tlett centezmi u zewg millezmi (Lm738.03,2) bilanc ghad-debitu fil-*loan account* ta' Lydia Pulis mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1991 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Novembru 1991 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Impedimenti tas-Safar kontra persuna li gewipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccipew:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjenti m'ghandhomx jaghtu l-ammont mitlub;

Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` ta' George Pulis stante li dan miet fil-mori tal-kawza, li fiha huma eccipew:-

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri wara li jikkomunikaw mal-konvenuta;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ghandhom jigu esebiti l-kuntratti relattivi dwar il-kreazzjoni ta' l-allegat kreditu, oltre l-korrispondenza relattiva dwar l-istess, inkluz, jekk inhu l-kaz interpellazzjonijiet;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Ottubru 1997 li permezz tieghu gie nominat bhala perit komputista Albert E Vella biex jistabbilixxi l-bilanc dovut lill-attur u dana skond il-kondizzjonijiet li jirrizultaw mis-Sanction Letter esebita a fol. 68 tal-process u biex jigbor il-provi;

Rat ir-rapport ta' l-istess perit komputista li jinsab a fol. 90 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fl-udjenza tas-27 ta' April 1998;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Kif jirrizulta mit-termini tac-citazzjoni l-Bank mutwant qed jiddomanda minghand il-konvenut l-hlas tal-bilanc tas-somma lilha mislufa;

Jirrizulta mis-*sanction letter* datata 7 ta' Ottubru 1989 u esebita a fol. 68 tal-process illi l-Bank approva l-facilita` moghtija lill-konvenuta ta' *loan* jew self b'mutwu tas-somma ta' elf u seba' u tmenin lira Maltija (Lm1087);

Skond dan id-dokument jirrizulta illi l-imghaxijiet miftehma kienu ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

Effettivament il-kontestazzjoni principali bejn il-kontendenti tidderiva proprju mill-fatt ta' kif kellhom jigu kalkolati dawn l-imghaxijiet;

Skond il-konvenuta dawn kellhom jigu regolati bil-metodu applikabbli ghal self semplici kif koncepit fil-Kodici Civili, ex-Artikolu 1842 u d-disposizzjonijiet li jsegwuh.  Dan ir-ragjonament hu kondiviz mill-kuraturi rapprezentanti l-eredita` tal-konvenut George Pulis (fol. 66 u fol. 114);

Jigi osservat illi f'kull kaz, anke kieku *gratia argomenti* kellhom ragun f'dan l-assunt taghhom il-prospett esebit mill-konvenuta a fol. 65 huwa evidentement zbaljat billi din ikkalkolat l-interessi bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) minflok bir-rata pattwita fis-*sanction letter* surreferita.  Dan apparti wkoll skorrettezza fil-metodologija ta' kif takkredita l-pagamenti;

Il-konvenuta donnha tiskarta l-fatt illi hawn si tratta minn *loan* bankarja u li skond l-uzu kummercjali bankarju l-imghaxijiet fuq kontijiet bhal dak in ezami jigu kapitalizzati annwalment.  Fil-verita` mill-i*statements* tal-Banka attrici u mill-komputazzjoni ta' l-espert nominat mill-Qorti (fol. 91)

jirrizulta illi l-interessi gew kalkolati ghall-perjodu anqas minn sena;

F'dan, il-Banka attrici ghandha l-konfort ta' l-awtorita` ta' bosta decizjonijiet in materja. *Inter alia*, id-decizjoni fl-ismijiet "**Negte Francesco Tabone -vs- Avvocato Luigi Piovano noe**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1929, a Vol. XXVII P I p 826, fejn a propositu jinghad dan:-

"*L'uso continuo non mai contrastato, delle banche locali e` quello che si usa in altre paesi, cioe` quello di capitalizzare nei casi di apertura di credito in conto corrente i lucri sui bilanci a loro dovuti senza precedente convenzione, e cio a periodi piu` brevi di un anno.";*

Fl-istess sens huma s-sentenzi a **Vol. XVIII P III p 53; Vol. XXVIII P III p 910 u Vol. XXX P III p 840**;

Jinghad, pero`, illi l-imghax ghandu jigi komputat b'din is-sistema sal-gurnata li jigi terminat il-kont kurrent jew ssir il-*call in*, kif hekk sar f'dan il-kaz bl-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Novembru 1991 (fol. 11). Mal-kjuzura, l-imghax irid jigi kalkolat bis-sistema normali kif stabbilit fil-Kodici Civili. Ara decizjoni fl-ismijiet "**Cecil Busuttil *nomine* -vs- Alfred Spiteri Debono**", Qorti Kummercjali, per il-kompjant Imhallef George Schembri, 15 ta' Jannar 1979;

Fiz-zmenijiet pjuttost recenti bdiet tigi ventilata l-veduta illi "l-kapitalizzazzjoni ma tistax issir aktar minn darba fis-sena, ghaliex l-uzu kummercjali ma jistax jidderoga ghar-regola fundamentali li teskludi l-anatocizmu, ghaliex altrimenti, il-kapitalizzazzjoni aktar frekwenti tkun qeghda prattikament tikkonkretizza l-qliegh ta' interessi fuq interessi qabel ma dawn verament jigu kapitalizzati skond il-ligi" - "**Konkors tal-krendituri ta' Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 29 ta' April 1993; "**L-Avukat Dr. Dominic A. Cassar *nomine* -vs- Lawrence Farrugia *nomine* et**", Qorti Kummmercjali, 19 ta' Lulju 1989;

Issa l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu imghaxijiet ohra, sew

bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta, li f'kaz il-wiehed jew l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena";

Dan id-dispost gie imfisser fid-decizjoni fl-ismijiet "**Filippo Gatt -vs- Carmelo e Giuseppa konjugi Farrugia**", Appell Civili, 18 ta' Ottubru 1918 (**Vol. XXIII P I p 638**) bhala li kellhom jikkonkorru zewg kondizzjonijiet, u cioe`:-

*I. che la costituzione degli interessi in nuovo capitale fruttifero si faccia dietro la domanda giudiziara o per convenzione posteriore alla scadenza dei medesimi;*

*II. e che nell' uno e nell'altro caso, gli interessi siano dovuti per un tempo non minore di un anno;*

Gie rilevat fid-decizjoni citata "Konkors tal-Kredituri ta' Anthony Debono *nomine*" illi "l-uzu kummercjali in materja biddel dik il-parti ta' dan l-artikolu li tesigi talba gudizzjarja jew ftehim wara li jaghlqu l-interessi, fis-sens illi l-interessi generati minn kont kurrent bankarju jigu awtomatikament kapitalizzati annwalment minghajr il-bzonn ta' talba gudizzjarja jew ftehim li jintlahaq wara li taghlaq sena.";

Dawn prattikament huma l-veduti in materja rakkolti mill-gurisprudenza. Tajjeb li jinghad li fil-maggoranza tad-decizjonijiet ezaminati, l-enuncjazzjoni konkordanti hi dik li ssostni d-deduzzjoni illi fis-sistema tal-konti kurrenti bankarji "l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk l-imghaxijiet isiru jiffurmaw parti mill-kapital" ("**Dr. Joseph Agius M.D. *nomine* -vs- Avukat Dottor Carmel Agius et *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Marzu 1979). Kontra din il-veduta tezisti, kif manifest, il-vuci diskordanti li ssostni li l-kapitalizzazzjoni ma tistax issir aktar minn darba fis-sena;

Sa recentement l-inklinazzjoni lejn veduta l-wahda jew l-ohra kienet, in subjecta materja, pjuttost fluwida. Jidher pero` minn decizjoni recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell ("**Bank of Valletta Ltd -vs- Anna's Trading Co. Ltd**", 6 ta'

Dicembru 2002) illi l-posizzjoni giet firmata fis-sens illi din il-Qorti regghet irrivertiet ghall-precedent konfigurat fir-ragjonament dettat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Edwin Vassallo *nomine* -vs- Salvatore Ballucci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' April 1947, dik proprju li dwarha d-decizjoni abbundantement accennata fil-konkors tal-kredituri ta' Anthony Debono taghmel certa rizerva;

F'dik is-sentenza riportata a **Vol. XXXIII P II p 64** gie ritenut illi "fil-kuntratt tal-kont kurrenti l-interessi jimmaturaw *ipso jure* il ghaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont kurrenti mhuwiex mutwanti, izda reciprokament mandatarji; kif ukoll li l-interessi jistghu jigu akkumulati fuq il-kapital wara zmien konvenut sabiex jikkostitwixxu kapital gdid; kif ukoll li kull entrata tikkostitwixxi novazzjoni.";

Zied jinghad fiha illi l-artikolu tal-Kodici Civili (Artikolu 1142) dwar l-interessi fuq l-interessi jsofri derogazzjoni fuq il-bazi tal-konswetudni generali u universali. Ghalhekk "jista' jkun hemm kapitalizzazzjoni, anke minghajr konvenzjoni espressa (dejjem fil-materja tal-kuntratt tal-kont kurrenti) meta l-istess hija konsentita mill-uzi notorji u kostanti tal-kummerc ghall-perjodi ta' sitt xhur, tliet xhur , u anki mensili.";

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser ikollha ssegwi din l-ahhar direttiva tal-principju stabbilit mill-Qorti ta' l-Appell, anke ghar-raguni illi kif jinsab evokat "il-principju illum hu li sentenza tal-Qrati Superjuri fuq punt ta' dritt ghandha per regola tigi segwita, ghalkemm ma hemm xejn obbligu preciz in propositu, pero` huwa wkoll stabbilit illi dan il-principju huwa car ghax diversament ikollok anarkija" ("**Dr. Vladimir Formosa -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell Civili, 4 ta' Mejju 1992);

Apportat dan il-hsieb ghal fatti tal-kaz in ispecje jidher li l-perit komputista kkomputa l-ammont dovut linearment ma' dan l-insenjament fuq il-materja. Naturalment il-Qorti pero` ma tistax, dejjem tenut qies ta' l-istess taghlim gurisprudenzjali, tikkondividi l-kalkolu tieghu bl-applikazzjoni tar-rata ta' tmienja punt hamsa fil-mija (8.5%) fuq l-ammont li kien talvolta dovut wara t-30 ta'

Settembru 1991, data stabbilita bhala kjuzura tal-kont tal-*call in* tal-hlas. F'kull kaz l-ammont reklamat mill-Bank jkopri biss il-perjodu li ghalaq f'din id-data;

Tajjeb li jinghad illi kemm fit-termini tas-*sanction letter* kif ukoll tal-ligi, ex Artikolu 1852 (3), il-Bank ghandu s-setgha li jirreklama rata ta' imghax oghla minn tmienja fil-mija (8%) sancita fis-subinciz (1) ghall-imsemmi Artikolu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, takkolji d-domanda attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Banka attrici s-somma ta' seba' mija tmienja u tletin lira Maltija u tliet centezmi (Lm738.03) bilanc tad-debitu fuq il-kont kurrent kalkolat sat-30 ta' Settembru 1991 oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont sad-data tal-pagament effettiv;

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------